# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 796/2013**

**Sonia Mifsud**
**(Detentrici tal-Karta tal-Identita`**
**bin-numru 00222771 (M))**

**vs.**

**Kunsill Lokali Fgura**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-20 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi ghall-habta tas-2.30p.m. tad-9 ta’ Novembru, 2010, waqt li kienet ghaddejja fuq il-bankina ta’ Triq il-Kitba, il-Fgura, waqghet ghaliex l-istess bankina kienet fi stat ta’ manutenzjoni hazina hafna, (ara fol 6 sa 12);

1.2. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta’ hila u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti daparti tal-Kunsill Lokali intimat li jzomm l-istess bankina fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni;

1.3. Illi rizultat ta’ dan l-incident r-rikorrenti soffriet danni, kemm *damnum emergens* u *lucrum cessans*, billi sofriet debilita` permanenti, (ara foll 13);

1.4. Illi ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni hekk ikkagunati, il-Kunsill Lokali intimat baqa’ inadempjenti, (ara foll 16);

1.5. Illi ghalhekk kellha tadixxi din il-qorti biex il-Kunsill Lokali intimat jghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara lill-Kunsill Lokali intimat hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li konsegwenza tieghu sofriet debilita` permanenti;

1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-istess incident – kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, jekk hemm bzonn bil-hatra ta’ perit ghal dan il-ghan;

1.5.3. Tikkundana lill-Kunsill Lokali intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.5.4. Bl-ispejjez kif dedotti flimkien mal-imghaxijiet legali dovuti kontra l-istess Kunsill Legali intimat kif dedott fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-28 t’Awwissu, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 20);

3. Rat ukoll id-digriet ulterjuri tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat it-28 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu tat dawk id-direttivi procedurali hemm indikati lill-partijiet, (ara foll 21);

4. Rat in-nota datata l-20 ta' Settembru, 2013, li permezz taghha l-Kunsill Lokali intimat ottempora ruhhu mad-direttivi indikati fil-paragrafu precedenti, (ara foll 25);

5.0. Rat ir-risposta guramentata tal-Kunsill Lokali intimat datata l-20 ta' Settembru, 2013, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod-segwenti, (ara foll 27):

5.1. Illi r-rikors guramentat promotur hu null *stante* li r-rikorrenti m'ottemporatx ruhha mal-artiklu 181 B(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

5.2. Illi l-istess rikors promotur hu wkoll null *ai termini* tal-artiklu 27 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 363), *stante* li l-azzjoni odjerna kellha tigi indirizzata fil-konfront tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali intimat;

5.3. Illi fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati ghaliex:

5.3.1. Il-Kunsill Lokali intimat ma jahti xejn ghall-incident in dizamina;

5.3.2. Illi l-incident *de quo* ma sehhx minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti daparti tal-istess Kunsill Lokali intimat;

5.3.3. Illi l-bankina fejn sehh l-allegat incident kienet fi stat tajjeb fil-mument tal-incident;

5.3.4. Illi kwalunkwe persentagg ta' debilita` permanenti rikjamat mir-rikorrenti ghandu jigi determinat minn periti *nominandi*;

5.4. Salv risposti ulterjuri;

5.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

6. Rat il-verbal datat it-31 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-Kunsill Lokali intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, (ara foll 32 u 27);

7. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat it-13 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu din il-procedura giet trasferita lil din il-qorti kif issa preseduta, (ara foll 35);

8. Rat in-nota datata s-6 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha l-Kunsill Lokali intimat irtira wkoll it-tieni eccezzjoni preliminari minnhu sollevata, (ara foll 75, 27 u 76);

9. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet, awtorizzat il-hatra ta' espert mediku biex jikkonstata l-grad ta' dizabilita` tar-rikorrenti u biex l-istess jipprezentaw nota konguntiva li fiha jindikaw espert idoneju ghal dan il-ghan, (ara foll 376);

10. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Jannar, 2017, u permezz tal-istess hatret lill-espert tekniku hemm indikat ghall-iskop indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 377);

11. Rat id-digriet taghha datat it-30 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 390);

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata d-29 ta' Jannar, 2018, (ara foll 391), flimkien ma dik tal-Kunsill Lokali intimat datata s-27 ta' Frar, 2018, (ara foll 404);

13. Semghet ix-xhieda prodotta;

14. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

15. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

16.1. Illi ghall-habta tas-2.30p.m. tad-9 ta' Novembru, 2010, waqt li r-rikorrenti kienet fi Triq il-Kitba, il-Fgura, tistenna lil bintha tohrog mill-iskola, daret ma vann tal-haxix biex taghzel il-haxix li kienet ser tixtri u f'daqqa wahda waqghet f'hofra fil-bankina, (ara foll 19, 108 u 358);

16.2. Illi l-bankina in dizamina kienet fi stat hazin hafna ta' manutenzjoni, (ara foll 19 u ritratti a foll 6 sa 12);

16.3. Illi rizultat tal-istess incident ir-rikorrenti sofriet is-segwenti:

16.3.1. Ksur ta' wahda mill-ghadmiet tal-pala tas-sieq tax-xellug, (ara foll 387);

16.3.2. Dan il-ksur iwassal ghal ugigh intermittenti u ftit limitazzjonijiet, (ara foll 388);

16.4. Illi l-espert mediku nominat jirrileva wkoll is-segwenti:

16.4.1. Illi m'hemm l-ebda evidenza oggettiva ta' dijanjosi ta' *complex regional pain syndrome*, (ara foll 388);

16.4.2. Illi m'hemmx raguni ghaliex ir-rikorrenti ghandha tuza l-krozzi meta timxi, (ara foll 388);

16.4.3. Illi l-istess rikorrenti m'ghandiex ghalfejn tilmenta minn dan l-ugigh u limitazzjoni funzjonali, (ara foll 388);

16.4.4. Illi jista' jkun li l-incident in kwistjoni wassal lir-rikorrenti biex ikollha disturb psikjatriku, (ara foll 388);

16.4.5. Illi r-rata ta' dizabilita` permanenti riskontrata fir-rikorrenti tammonta ghal hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), (ara foll 388);

16.5. Illi skont rapport mediku *ex parte* id-dizabilita` permanenti riskontrata tammonta ghal ghoxrin fil-mija, (20%), (ara foll 14);

Ikkunsidrat:

17. Illi l-procedura in dizamina tirrigwarda kawza ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti wara li waqghet f'bankina;

18. Rat il-verbal datat l-31 t'Ottubru, 2013, (ara foll 32), u n-nota datata s-6 ta' Mejju, 2014, (ara foll 75), li permezz taghhom il-Kunsill Lokali intimat irtira l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari minnhu sollevati u ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi fil-**mertu** jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi l-Kunsill Lokali intimat jirrespingi l-allegazzjoni li hu kien risponsabbli ghall-incident in dizamina;

19.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1031 tal-Kap 12 li jistabbilixxi s-segwenti:

> "... kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

19.3. Illi l-artiklu 1032 tal-istess Kap 12 jistabbilixxi wkoll is-segwenti:

> "1. Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;
>
> "2. Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar";

19.4. Illi *di piu`*, skont l-artiklu 1033 tal-Kap 12:

> "Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk;"

Ikkunsidrat:

20. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joseph Bonnici vs. John Mizzi et**, datata t-**28 ta' Marzu, 2003**, li irriteniet is-segwenti:

> *"... si ha la colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria ommissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione, e si viola il diretto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" (***Vol. XXXIV P I p 172***). Fl-istess sens is-sentenzi a* **Vol. XLII P 1 p 74; Vol. XLVIII P I p 258** *u* "**Dottor John Cesareo M.D.** ***et*** **–vs- Francesco Sciberras** ***et***," **Prim'Awla, Qorti Civili, 23 ta' Jannar 1980**;"

21. Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Caroline Debono vs. Is-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali Nadur, Ghawdex, *nomine et***, datata l-**1 t'April, 2008**, li irriteniet li:

> "... il-kontroll li l-kunsill ghandu fuq il-gnien jqieghed obbligu fuqu li jista' jissejjah bhala "*duty of care*" li ghandu fil-konfront tal-pubbliku li jaghmel uzu mill-facilita`. Il-bazi ghall-imposizzjoni ta' dan l-obbligu hu li l-membri tal-pubbliku jiddependu mill-awtorita` lokali li tizgura li l-post u l-facilitajiet huma tajbin u idoneji ghall-uzu;"

22. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Joseph Saliba vs. Is-Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar *et***, datata it-**28 ta' Jannar, 2008**, li irriteniet li:

> "Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens, u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk *si tratta* minn eskluzzjoni ta' xogholijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dan sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili";

Ikkunsidrat:

23. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* ma jirrizultax li hu kkontestat li l-bankina in dizamina taqa' taht ir-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali intimat;

24. Illi skont il-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 363), "triq" tinkludi triq, sqaq, misrah, pont, xatt il-bahar, noll jew post iehor ta' passagg jew access pubbliku;

25. Illi skont l-artiklu 33 tal-Kap 363, fost il-funzjonijiet ta' Kunsill Lokali hemm indikati, tali Kunsill ghandu jipprovdi li triq ghandha tinzamm minn fi stat tajjeb, senjatament li Kunsill Lokali ghandu:

> "a. li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija, li ma tkunx proprjeta` privata:
>
> > Izda l-manutenzjoni ghar-rigward ta' xi triq jew moghdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar

taghha, izda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni taghha ...;

"d. ... li jistabbilixxi u jzomm fi stat tajjeb postijiet ghal nies bil-mixi ...";

Ikkunsidrat:

26. Illi tenut kont tal-istat tal-bankina tat-triq fejn sehh l-incident kif jirrizulta mir-ritratti esebiti, (ara foll 6 sa 12), ghandu jirrizulta pacifiku li l-Kunsill Lokali intimat naqas li jzomm l-istess bankina fi stat tajjeb ta' manutenzjoni billi jirrizulta assodat li naqas milli jiehu kura adegwata tal-istess bankina fl-interess tal-kollettivita`;

27. Illi ghalhekk il-kawza prossima tal-incident in dizamina jirrizulta li kien proprju dan l-istat t'abbandun riskontrat, liema nuqqas jitqies bhala nuqqas ta' diligenza ordinarja mistennija minnu bhala *bonus paterfamilias*;

28. Illi ghalhekk il-Kunsill Lokali intimat ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident in dizamina in kwantu naqas mill-obbligazzjoni imposta fuqu li jara li l-postijiet li jintuzaw mill-pubbliku – bhal bankini – dejjem jinzammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni biex b'hekk jigu evitati incidenti bhal dak in dizamina;

29. Illi r-ritratti pprezentati *in atti*, (ara foll 6 sa 12), huma prova tangibbli li din il-manutenzjoni imposta fuq il-Kunsill *de quo* ma saritx;

30. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi li wegghet meta waqghet f'hofra fil-pavimentar tal-bankina, imhollija f'dan l-istat meskin riskontrat mill-Kunsill Lokali intimat, u dan, b'nuqqas tal-obbligi imposti fuqu statutorjament;

31. Illi *di piu*`, ma tressqet l-ebda prova sodisfacenti li tikkontrasta b'xi mod il-versjoni tar-rikorrenti;

32. Illi in vista tal-premess, it-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjoni tal-Kunsill Lokali intimat ghandhom jigu respinti, filwaqt li ghandha ghalhekk tigi akkolta l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

33. Illi konsegwenza tas-suespost isir issa analisi tal-**likwidazzjoni tad-danni** reklamati mir-rikorrenti;

34. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joe Xuereb *Holding Co. Ltd.* vs. Marlene Xuereb *et***, datata t-**30 ta' Gunju, 2005**, li irriteniet li:

> "...Il-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` ghad-danni ma jfissirx necessarjament li danni tassew jezistu (ara **Kollez. Vol. L P I p 150**). Jaggrava dejjem fuq il-kreditur tal-obbligazzjoni li jipprova l-ezistenza u l-entita` tad-danni li hu jallega li sofra";

**A. Lucrum Cessans:**

35. Illi r-rikorrenti ssosstni li hi kienet tahdem b'mod awtonomu bhala *hair dresser*, u li kienet ilha hekk sa mill-1987, (ara foll 110 u 111), jew mill-1997 (ara foll 358);

36. Illi ssosstni wkoll li kellha hanut ghal dan ix-xoghol bl-isem "*His and Hers Unisex*", il-Birgu, (ara foll 358), u li kienet tahdem hamsa u ghoxrin (25) siegha fil-gimgha f'din il-professjoni, u tghin ukoll lil zewgha fix-xoghol tieghu bil-*mini van*, (ara foll 110), ghalkemm ma jirrizulta li tressqet l-ebda prova fir-rigward;

37. Illi bhala kawza diretta tal-imsemmi incident, issosstni li kienet kostretta li taghlaq il-hanut ta' *hair dresser* li kienet tikri, (ara foll 110), u tilfet il-klijentela kollha, (ara foll 111);

38. Illi rizultat ukoll tal-istess incident kienet ukoll kostretta tarmi diversi prodotti tax-xahar li kien ghad baqala fl-istess hanut, (ara foll 110);

39. Illi baqghet thallas il-kera u l-kontijiet tad-dawl u ilma tal-imsemmi hanut ghall-perjodu ta' sentejn (2) mid-data tal-incident, (ara foll 111);

Ikkunsidrat:

40. Illi ghalkemm ir-rikorrenti tallega li kienet *hair dresser* pero` ma jirrizultax li ipprezentat xi prova rigwardanti l-introjtu taghha f'dan ir-rigward, u konsegwentement ma tistax tittiehed konjizzjoni ta' dan l-allegat introjtu f'dan il-kuntest;

Ikkunsidrat:

41. Illi jirrizulta pero` li l-istess rikorrenti kienet mara tad-dar li kellha familja u zewgt (2) ulied, (ara foll 111);

42. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Emmanuel Sammut *et* vs. *Chief Government Medical Officer et***, deciza fit-**12 ta' Dicembru, 2002**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi l-attrici kienet ... mara tad-dar. Illi pero` dawn il-qrati diga' kellhom opportunita` jiddeciedu kazijiet bhal dak odjern fejn il-Qorti kkonkludiet li s-servizz li l-mara tad-dar taghti ghandu jinghata valur finanzjarju. Infatti fis-sentenza "**Nazzareno Apap *pro et noe* vs. Francis Degiorgio**" (**AC. 16 ta' Jannar 1984**) il-Qorti qalet is-segwenti:-
>
> > "Dwar dak li hu *lucrum cessans* ghalkemm il-mejta hi mara tad-dar u ma taghmel ebda xoghol partikolari hi ntitolata ghal danni *lucrum cessans*. Dan il-principju gie accettat minn dawn il-Qrati ladarba fiha l-potenzjalita` li tahdem u taqla' x'tiekol;
> >
> > "Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenza "**Elizabeth *sive* Alice Grech *et* vs Mario Briffa**" **P.A. 21 ta' Frar 1997** li kien jikkoncerna mara tad-dar li sofriet

dizabilita` permanenti ta' 10% wara l-incident:-

> "Billi l-attrici ma kienitx tahdem bi qligh ma nistghux nghidu x'kienet il-paga medja taghha. Madankollu, billi x-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti mara tad- dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel, fil-fehma tal-qorti x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali";

43. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li l-qligh tar-rikorrenti riskontrat fil-limiti *suesposti* qed jigi kkalkolat *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' tmint elef euro, (€8,000.00), fis-sena;

Ikkunsidrat:

44. Illi rigward il-***Multiplier*** jigi osservat li meta sehh l-incident ir-rikorrenti kellha erbghin (40) sena, (ara foll 18);

45. Illi konsegwenza tal-istess ser jigi applikat *multiplier* ta' 21 sena;

Ikkunsidrat:

46. Illi l-persentagg ta' dizabilita` soffert mir-rikorrenti rizultat tal-incident in dizamina li ser jigi applikat f'dan il-kuntest hu dak stabbilit mill-espert mediku nominat minn din il-qorti, senjatament dak ta' 25%, (ara foll 388);

47. Illi tirrileva li hi konsapevoli, anke mill-fatt li l-istess espert mediku gibed l-attenzjoni ghal dan il-fatt, (ara foll 388), li generalment incident bhal dak in dizamina ma jwassalx ghall-persentagg daqshekk gholi ta' dizabilita`, pero` tiddikjara li qed tistrieh fuq l-imsemmija relazzjoni li qed taghmel taghha, u fuq il-fatt li d-dizabilita` riskontrata tirrizulta li hi konsegwenza

diretta tan-nuqqas ta' manutenzjoni tal-bankina *de quo* mill-Kunsill Lokali intimat;

48. Illi tenut kont tas-suespost l-ammont ta' *lucrum cessans* jigi kkalkolat bil-mod segwenti:

**€8,000 x 21 x 25% = €42,000.00**

Ikkunsidrat:

**B. Damnum Emergens:**

49. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti pprezentat dokumenti pertinenti komplessivament ammontanti ghal mija sitta u disghin euro u tmienja u hamsin centezmu, (€196.58), (ara foll 79 sa 83);

50. Illi fir-rigward tal-ircevuti ta' spizeriji esebiti *in atti*, (ara foll 117 sa 120), jinghad li dawn bl-ebda mod ma jikkonfermaw li dawn jirrigwardaw spejjez li saru in konnessjoni mal-incident in dizamina, u konsegwentement, mhux qed jigu kkonsidrati ghall-finijiet in dizamina;

51. Illi b'referenza ghad-deposizzjoni guramentata tat-tabib kuranti tar-rikorrenti datata t-22 ta' Jannar, 2015, jinghad li dan jikkonferma li r-rikorrenti ghamlet perjodu ta' sebgha u ghoxrin (27), xahar thallsu hames euro, (€5.00), kull gimgha ghac-certifikat mediku minnu hekk lilha rilaxxat, (ara foll 152);

52. Illi konsegwentement l-ammont involut jirrizulta li kien dak ta' hames mija u erbghin euro, (€540.00);

53. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv ta' *damnum emergens* riskontrat jirrizulta li hu ta' seba' mija sitta u tletin euro u tmienja u hamsin centezmu, (€736.58);

Ikkunsidrat:

54.0. Illi in vista tas-suespost l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mir-rikorrenti hawn rizultanti hu s-segwenti:

54.1. ***Lucrum Cessans***: **€42,000.00**

54.2. ***Damnum Emergens***: **€ 736.58**

54.3. **Total**: **€42,736.58;**

Ikkunsidrat:

55.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi kif fuq deklinat, u konsegwentement:

55.1. Tirrespingi r-risposti rimanenti kollha tal-Kunsill Lokali intimat;

55.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

55.3. Tiddikjara li l-Kunsill Lokali intimat hu unikament risponsabbli ghall-incident in dizamina;

55.4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tnejn u erbghin elf, sebgha mija u sitta u tletin euro u tmienja u hamsin centezmu, (€42,736.58);

55.5. Tikkundanna lill-istess Kunsill Lokali intimat biex ihallas is-somma komplessiva likwidata fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti Sonia Mifsud;

55.6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju, 2012, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-Kunsill Lokali tal-Fgura kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**